# NIŻLA

*Eluf, eluf, miljuni,*
*Neżlin, neżlin, neżlin,*
*Man-niżla ta' għamilhom,*
*Ta' ħsiebhom, imwerwrin.*

*Eluf, eluf, miljuni,*
*Tilgħin, tilgħin m'għaqbiet,*
*Milwija tnejn taħt toqol*
*Li xewqthom biss għabbiet.*

*Tilgħin... neżlin. Min jaħseb*
*Li miexi dritt aktarx*
*Li dieħel fi sqaq agħma,*
*Mudlam, li ma jsabbarx.*

*U l-bniedem miblugħ jgħajjat,*
*"Agħtuni, ixegħlu d-dwal!*
*Mbux qed nara fejn miexi,*
*Dlam għaqli kiber... twal".*

*Għaliex qabża ta' tarġa,*
*Habib, tagħmilha rdum?*
*Jekk tħares lejn is-sema*
*Id-dawl tarah kuljum.*

CHARLES VELLA

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY